KLR 10/V/2010

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 5 ta' Frar 2010 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

## 1. Mill-Minuti

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li Galea Curmi Eng. għandhom ilestu r-rapport fuq l-offerti mixħuta għad-dawl ta' Pjazza San Ġorġ. Dan imbagħad jitressaq fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill sabiex tittieħed deċiżjoni abbażi tal-pariri ta' dawn it-tekniċi.

1.2 Il-membri ġew mgħarrfa li billi l-ebda' klabb tal-futbol ma juża l-ilma fil-grawnd Leli Farruġia, il-*metre* ta' l-ilma ser jitneħħa.

1.3 Dwar l-isport tal-*kung fu* u l-*fencing*, is-Sindku għarraf lill-membri li ser jibgħat korrispondenza lill-Onorevoli Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport sabiex jinħolqu opportunitajiet għall-sports ġodda.

## 2. Attivita' ta' Jum il-Ħajja

Fis-7 ta' Frar 2010 ser tiġi organizzata Jum il-Ħajja mill-Ministeru għal Għawdex, Dar Ġużeppa Debono u l-Kunsill Lokali tar-Rabat. Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jattendu għall-attivitajiet li ser isiru fi Pjazza Indipendenza.

## 3. Attivita' tal-Karnival

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-attivta' tal-Karnival tas-Sibt 13 ta' Frar 2010 ser tiġi organiżżata mal-Ministeru għal Gaħwdex u l-ispejjes ser jinqasmu. Inġabar sponsor ta' €1,000 mingħand il-Vodafon. Is-Sindku ta' d-dettalji tal-programm li ser ikun ikkonċentrat fil-pjazzez Indipendenza, San Ġorġ u Savina. Bħala PR tqassmu *leaflets* fid-djar tar-Rabat, saret konferenza stampa mill-Ministru għal Għawdex u mis-Sindku, u l-Vodafone ser tibgħat messaġġi li tippromwovi dan il-karnival. Sar ukoll reklam fis-Sunday Times. Fl-attivita' ser jipparteċipaw fost oħrajn, nies bil-kostumi miż-żewġ każini tal-baned u mill-Oratroju Don Bosco u l-karrijiet u l-maskli grotteski li saru minn nies Rabtin. Is-Sindku fahhar l-impenn tal-membri tal-*Youth Local Council* li qed ukoll jagħtu s-sehem tagħhom f'din l-attivita', u dan b'mod volontarju. Wara l-Karnival ser tittella wirja ta' ritratti tal-Karnival u l-premju ser ikun 50 ritratt żviluppat. Il-ġudikaturi ser ikunu l-fotografi Ted Attard, Alvin Scicluna u Shaun Sultana.

## 4. Attivita' Żgħażagħ f' Lyceen fi Franza

Dan hu proġett li 75% tat-trasport hu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u l-akkomodazzjoni mija fil-mija. Il-proġett jikkonsisti fl-organiżżazzjoni ta' orkestra komposta minn żgħażagħ minn madwar l-Ewropa li jkollhom bejn ħmistax u għoxrin sena. Is-Sindku ssuġġerixxa lill-Mro.Mark Gauci sabiex ikun il-ko-ordinatur taż-żgħażagħ Rabtin li l-Kunsill ser jibgħat fi Franza. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment. Qablu wkoll li jintbagħtu applikazzjonijiet fiż-żewġ każini tal-baned u jintbgħatu l-istess numru ta' mużiċisti minn dan il-każini.

## 5. Laqgħa tal-Lokalita'

Il-membri qablu li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2010 fis-19.00 fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

## 6. Korrispondenza

6.1 Tressqet korrispondenza mingħand Malta Enterprise li qed tniehdi proġett fil-Belt Valletta, il-Birgu u Rabat Għawdex. Dan sabiex jippromwovu żoni msejħa bħala '*artistic zones'* li fihom tingħata attenzjoni speċjali sabiex jinfetħu negozji speċjalizżati. Dan in konnessjoni ukoll ma mizura li habbar il-gvern ta' *tax rebate* ta' 60% ghal investiment f'zoni bhala dawn. Il-membri qablu li l-Kunsill jissuġġerixxi l-*area* ta' Savina u l-madwar sabiex tkun din iż-żona speċjalizżata.

## 7. Materji Oħra

7.1 Il-membri qablu li jiġi propost lill-Ministeru għal Għawdex sabiex terġa' ssir il-*pedestrian crossing* li kien hemm fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, l'hemm mill-monument. Din tneħħiet meta t-triq reġgħet inbniet u nksiet bit-tarmak.

6.2 Is-Sindku suġġerixxa li jinħatar International Activities Committee. Hu ppropona li Josef Schembri jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill u l-membri jkunu żewġ għalliema mis-6th Form li qed jieħdu ħsieb il-*Victoria Youth Local Council*. Dawn huma Daniel James Cassar u Lawrence Sciberras. Il-membri qablu.

6.3 Il-membri qalbu li jsir proġett li jġib l-isem 'Gozo an Island for Artists'. Il-ko-ordinattriċi hi Amina Contin li hi Taljana. Il-ħsieb hu li l-atturi jkunu primarjament mir-Rabat u d-debutt isir fin-Notte Gozitana. Jekk tkun suċċess il-Kunsill jikkunsidra li dan il-proġett isir f'diversi ġranet mautl is-sajf.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.00. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2010 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Seg. Eżekuttiv |